MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 69/2004

**Lombard Bank Malta plc**

**vs**

**Louis u Mary konjugi Mula**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ppremettiet:

Il-Bank attur permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Antoine Agius li jgib id-data tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, tas-sena elfejn u wiehed (2001) li kopja legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata *Dok "A"*, kien ikkonceda lill-konvenuti Louis u Mary konjugi Mula facilita' ta' self u *in forza* ta' din il-facilita' l-imsemmija konvenuti sselfu flus minghand il-Bank attur u ghandhom debitu bilancjali favur l-istess Bank attur ta' tlettax-il elf hames mija sitta u sittin liri Maltin erbgha u tletin centezmu (Lm13,566.34) skond *"statement"* hawn anness u mmarkat *Dok "B"* bl-interessi

kkalkolati sal-hmistax (15) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) *oltre* l-imghaxijiet ulterjuri mis-sittax (16) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantew l-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu b’mod solidali permezz ta’ ipoteka generali fuq hwejjighom kollha prezenti u futuri, kif ukoll b’ipoteka specjali fuq il-fond f’Hal Qormi skond kif ahjar deskritt fl-imsemmi kuntratt.

L-istess konvenuti inghataw ukoll facilita’ ta’ *“overdraft”* u *in forza* ta’ l-istess facilita’ li l-imsemmija konvenuti sselfu flus minghand il-Bank attur u ghandhom debitu bilancjali favur il-Bank attur ta’ elfejn tmien mija erbgha u tletin Liri Maltin tmienja u tmenin centezmi (Lm2,834.88) skond *statement* hawn anness u mmarkat *Dok “C”* bl-interessi kkalkolati sal-hmistax (15) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) *oltre* l-imghaxijiet ulterjuri mis-sittax (16) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv;

Ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhomx minn din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:-

1) jigu solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lil Bank attur s-somma ta’ sittax-il elf erba’ mija u lira Maltin tnejn u ghoxrin centezmu (Lm16,401.22) skond kuntratt ta’ self u zewg *“statements”* hawn annessi u mmarkati *Dok “A” Dok “B”* u *Dok “C”* bl-interessi kkalkolati sal-hmistax (15) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) *oltre* l-imghaxijiet ulterjuri mis-sittax (16) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv, kollox kif spjegat ahjar aktar ‘l fuq.

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficcjali li ggib id-data tal-4 ta’ Dicembru, 2003 u bl-imghaxijiet legali mis-16 ta’ Jannar, 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha annettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------